# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 26/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Neville Said**

Illum 20 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Neville Said**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 7685(G), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-20 ta' Marzu 2017 bejn il-11 ta' filgħodu u s-1.10 ta' wara nofinhar ġewwa x-Xagħra, Għawdex u/jew f'dawn il-Gżejjer:

1. waqt staġun magħluq għat-teħid tal-għasafar ħa jew ipprova jieħu xi għasfur bi ksur ta' Regolamenti 18(1)(ċ) tal-L.S. 549.42;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi ħa jewipprova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42) mhux skont dawn ir-Regolamenti u mhux skont il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja mogħtija bi ksur ta' Regolament 4(1)(a) tal-L.S. 549.42;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħa jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża xbieki bi ksur ta' Regolament 7(1)(e) tal-L.S. 549.42

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħa jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża jew żamm kwalunkwe apparat li l-użu tiegħu huwa pprojbit taħt is-subregolament (1) ta' Regolament 7 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u ċioè l-użu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasafar u dan bi ksur ta' Regolament 7(1)(d) tal-L.S. 549.42.

Il-Qorti ġiet mitluba biex bis-saħħa ta' Regolament 27(2)(b) tal-L.S. 549.42 barra li tagħti l-piena skont il-liġi, multa ta' mhux anqas minn elf Euro (€1000) iżda mhux iżjed minn għaxart elef Euro (€10,000) jew priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux aktar minn sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u r-revoka permanenti ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Novembru 2019 (*a fol.* 80 *et seq.*) fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17 u 31 tal-Kodiċi Kriminali,ir-Regolamenti 4(1)(a), 7(1)(d)(e), 18(1)(ċ) u 27 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42) sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għal sena priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal sentejn mid-data tas-sentenza. *Ai termini* ta' Regolament 27(2)(b) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi (L.S.

549.42), l-Ewwel Qorti ordnat ir-revoka permanenti ta' kull liċenzja jew permess maħruġa f'ismu, maħruġa taħt ir-Regolamenti msemmija u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija. Peress li l-Prosekuzzjoni naqset li tippreżenta l-eżebiti mqar formalment, il-Qorti m'ordnatx il-konfiska tal-*corpus delicti*.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-11 ta' Diċembru 2019 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u ma ssibx ħtija u b'hekk tillibera lill-esponenti appellant minn kull ħtija u piena skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jissottometti li l-Pulizija kienu rċevew filmat mill-CABS rigward insib illegali fl-20 ta' Marzu 2017 fl-inħawi ta' Calypso Cave fejn il-Pulizija kienu bagħtu għalih u hu ċaħad li kien qed jonsob waqt li: (a) l-ewwel ma weġibx meta l-iSpettur staqsieh jekk kienx qed jagħraf lill-persuna fir-ritratt u imbagħad (b) qal li dik il-persuna mhux jagħrafha u li f'Marzu 2017 ma marx jonsob. Huwa stqarr ukoll li m'għandux vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FBD 925 għax il-

vettura tiegħu hija Opel Astra bin-numru ta' reġistrazzjoni NSN 750.

Illi l-aggravju prinċipali huwa li l-appellant qatt ma seta' jinstab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u dana stante li l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet tikkonkludi li l-persuna fir-ritratti kien hu aktar u aktar meta ż-żewġ xhieda ma identifikawhx u waħda minnhom filfatt ma rat xejn. Jisħaq li lanqas l-iSpettur Bernard Charles Spiteri ma seta' jikkonferma b'ċertezza li hu kien il-persuna li tidher fir-ritratti. Jargumenta li ma saritx indaġini dwar x'tip ta' vettura għandu jew dwar min hu sid il-Mitsubishi Lancer bin-numru ta' reġistrazzjoni FBD 925. Jgħid li ma ntalabx ingrandiment tar-ritratt permezz ta' esperti u li l-iSpettur Spiteri fl-affidavit tiegħu qal li skont in-notamenti l-persuna li kellu quddiemu *"x'aktarx hija Neville Said"*. Jagħlaq l-appell tiegħu billi jgħid li l-Ewwel Qorti messha tatu l-benefiċċju tad-dubju.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

**Ikkunsidrat**

Illi fost il-provi li ġew prodotti quddiem l-Ewwel Qorti kien hemm ritratti ta' persuna (Dok. "BCS 3" – *a fol.* 9 *et seq.*). Ġiet eżebita stqarrija (Dok. "BCS 1" – *a fol.* 6 *et seq.*) li ġiet rilaxxata mill-appellant fit-30 ta' Marzu 2018, fejn l-appellant kien wieġeb li fl-inħawi għandu xi għelieqi u li d-dura fir-ritratt hija tiegħu. Kien hemm ukoll is-segwenti provi prodotti:

- Fl-affidavit tiegħu, l-i**Spettur Bernard Charles Spiteri** (*a fol.* 5) jgħid li kien irċieva filmat mgħoddi mill-CABS rigward insib illegali fl-20 ta' Marzu 2017 fl-inħawi ta' Calypso Cave, limiti tax-Xagħra. Skont notamenti fil-*file*, il-persuna suspettata li tidher kienet qed tonsob kienet x'aktarx Neville Said. Jgħid li l-appellant ċaħad li kien il-persuna li jidher jonsob fil-filmati.

- Fl-affidavit tiegħu, **PC 1185 W. Saliba** (*a fol.* 13) qal li l-appellant ċaħad li kien involut jew li kellu xi konnessjoni ma' xi nsib illegali li jidher fil-filmat.

- **Emanuel Muscat** (rappreżentant tal-*Wild Birds Regulation Unit* – *a fol.* 66 *et seq.*) ikkonferma li l-appellant għandu liċenzja tal-insib imħallsa sa Marzu 2021 (Dok. "EM" – *a fol.* 68) u qal li f'Marzu 2017 ma kien hemm l-ebda deroga u allura ma setax isir insib.

- **Leigh Assinders** (*a fol.* 69 *et seq.*), li xehed permezz ta' *video-link*, qal li hu ma kellux l-ismijiet tal-każi pero' ikkonferma li hu kien għamel rapport ma' ċerta Olivia Masi u kkonferma l-awtentiċita' tiegħu. Qal li fil-jum in kwistjoni kienu għaddejjin min-naħa ta' Calypso Cave u raw raġel b'*callers* illegali. Jgħid li kien hemm ukoll *decoy birds* li wieħed seta' jara *on the trapping site* kif ukoll xbieki u *poles*. Jgħid li dan kollu kien juri li s-sit kienu *fully operational*. Jixhed: "*We saw a man in the hide who was reasonably well-built. […P]erhaps a little taller than average. Had some facial hair, was wearing tracksuit bottoms and tracksuit top with a two-tone colour on the back. We observed for some time and saw him actually operating the trap and although the trap may have closed once we didn't actually see any birds caught but there were decoys which were alive and callers*

*calling at this time"* (*a fol.* 71). Jgħid li d-data kienet dik tal-20 ta' Marzu 2017. Jixhed li meta r-raġel kien qed jippakkja beix jitlaq huma rrapurtaw il-każ lill-persuna li tieħu ħsieb il-CABS f'Malta u Għawdex u jgħid ukoll li fin-naħiet kien hemm Mitsubishi Lancer ipparkjata imma din il-vettura leħqet telqet meta rritornaw lura. Meta l-Ewwel Qorti stednitu jħares lejn l-awla u staqsietu jekk kienx qed jagħraf il-persuna, l-ewwel indika persuna li kienet avukat, imbagħad qal li kienet il-persuna *"in the light grey suit"* ħdejn il-Pulizija, imbagħad qal li kien diffiċli biex jara mill-*camera*.

- **Olivia Masi** (*a fol.* 74 *et seq.*), li wkoll xehdet permezz ta' *video-link*, qalet li dan kien il-każ tal-Calypso Cave waqt li tat id-data tal-20 ta' Marzu 2017. Tgħid li Leigh Assinders u hi kienu fl-inħawi msemmija u Leigh Assinders *"very quickly saw over the edge that there was an active trapping site"* (*a fol.* 75). Tgħid li t-tnejn niżlu baxx biex ma jidhrux u li Leigh Assinders ħa l-film.

Illi għandu jingħad li fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2020 (*a fol.* 91 *et seq.*), u ċioè meta nstemgħu s-sottomissjonijiet quddiem din il-Qorti diversament preseduta (*a fol.* 94 *et seq.*), kien għadu żmien il-Covid-19 u kien obbligatorju li persuni jilbsu l-maskra meta jidħlu f'binjiet pubbliċi u kien għalhekk li meta nstemgħu dawn is-sottomissjonijiet li l-Prosekuzzjoni talbet li l-appellant jinża' l-maskra biex setgħet tarah il-Qorti diversamant preseduta waqt li ssottomettiet li quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant ma kien libes l-ebda maskra.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appellant jisħaq li hu ma kienx il-persuna li jidher fir-ritratti u fil-filmat li ġew eżebiti quddiem l-Ewwel Qorti u ma kienx hu lanqas il-persuna li Leigh Assinders u Olivia Masi qalu li raw dakinhar tal-20 ta' Marzu 2017.

Illi fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti qalet hekk:

> "Din il-Qorti tista' tiddetermina li mhemmx dubju li l-imputat hu l-persuna li tidher fir-ritratti msemmija fir-rapport li ġie debitament kkonfermat minn Leigh Assinders. Ir-ritratti huma ċarissimi tant li wasslu lill-pulizija sabiex tiddentifika u tinterroga lill-imputat bħala l-persuna li kienet tidher f'dawk ir-ritratti."

Illi minkejja li s-sottomissjonijiet dwar l-appell tal-appellant kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, quddiem liema Qorti kien ġie mitlub li l-appellant jinża l-maskra, pero' meta l-appellant deher quddiem din il-Qorti kif preseduta fis-seduta tas-6 ta' Frar 2023 (f'liema data ma kienx aktar obbligatorju li nies jilbsu maskra ġo postijiet pubbliċi, għal liema seduta l-appellant ma kien libes l-ebda maskra), din il-Qorti ħadet ħsieb li tħares sew lejn l-appellant. Il-Qorti għamlet dan peress li meta kienet qed tieħu konjizzjoni tal-atti tal-appell qabel is-seduta msemmija kienet konxja ta' dak li kien hemm fl-atti u b'hekk riedet tara jekk dak li qalet l-Ewwel Qorti fil-paragrafu hawn fuq ikkwotat kienx verament minnu jew le.

Illi minkejja dak li jingħad fir-Rikors tal-appell, fosthom li ma ġie mqabbad l-ebda espert sabiex ikabbar ir-ritratt fejn jidher il-persuna in kwistjoni, din il-Qorti tinnota li ma kienx hemm għalfejn isir dan u dana peress li l-persuna li tidher fir-ritratti li jinsabu *a fol.* 10 u 11 huwa biċ-ċar li huwa l-appellant. Huwa minnu li t-tixbih biss ta' persuna ma' oħra bħala fatt mhux biżżejjed pero' wara li l-Qorti kkunsidrat ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż dak li ngħad fir-rigward tar-ritratti kemm mill-Ewwel Qorti u kif ukoll minn din il-Qorti u kif ukoll il-fatt li l-appellant kellu liċenzja tal-insib imħallsa sa Marzu 2021 u kif ukoll li fl-inħawi in kwistjoni l-appellant għandu xi għelieqi u li d-dura li tidher fir-ritratt hija tiegħu ma jħalli ebda dubju f'għajnejn din il-Qorti li l-Ewwel Qorti setgħet tasal għal konklużjoni li waslet għaliha fis-sentenza tagħha.

B'hekk isegwi li l-Qorti ser tiċħad l-aggravju mressaq mill-appellant.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Neville Said u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha u dan għajr għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti ordnat ir-revoka permanenti ta' kull liċenzja jew permess maħruġa f'isem l-appellant taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija liema parti qed tiġi revokata u dana minħabba d-dħul fis-seħħ fil-mori tal-appell tal-emendi bl-Avviż Legali 86 tal-2022 li ġiet aktar favorevoli għall-appellant u b'hekk għandu jibbenefika minn tali emenda u minflok din il-Qorti tordna r-revoka permanenti tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa taħt ir-Regolamenti msemmija u taħt it-Taqima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**